**KUNSILL LOKALI ĦAL LIJA**
**TRIQ ROBERT MIFSUD BONNICI**
**ĦAL LIJA**
**TEL NO : 21416111**


MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Lija

# IT-TMIEN LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 17

Data tal-laqgħa: It-Tlieta 11 ta' Awwissu 2020

Il-Kunsilli Lokali Ħal Lija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Robert Mifsud Bonniċi, fil-4.00 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:
Anthony Dalli – Sindku
Daniel Mallia– Viċi Sindku
Calcedonio Cini – Kunsillier
Lorraine Farrugia – *Minority Leader*
Joseph Zahra – Kunsillier

### ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):
Ma kien hemm ebda membru assenti b'apoloġija.

### ASSENTI:
Ma kien hemm ebda membru assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:
Pamela Borg – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Anthony Dalli, ippreseda il-laqgħa.

## 17.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

17.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

## 17.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 16

17.2.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-Minuti tas-sittax il-laqgħa. Kopja tal-minuti ngħataw lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

17.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezjoni tal-minuti.

17.2.3 Fuq proposta tal-Minority Leader Lorraine Farrugia li kien issekondat mill-Kunsillier Calcedonio Cini, il-minuti ġew approvati unanimament.

## 17.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

17.3.1 Is-Sur Dalli nforma lil kunsilliera kif l-applikazzjoni tal-awtorita tal-Ippjanar, PC 00041/19 - *Change of Zoning from residential priority area CG08 (Villas) to Residential Area CG07 (Terraced/Flatted development), site at La Fontana* 28, Triq Giovanni Barbara, c/w Triq Pawlu Galea, Lija, ġiet rrifjutatha minn onlajn bord tal-evalwazzjoni tal-istess awtorita, li nżamm nhar l-4 ta' Awwissu 2020. Huwa kien preżenti għal din l-evalwazzjoni flimkien mat-town planner u xi residenti li jgħixu fl-akwata fejn kienet proposta l-applikazzjoni ta' żvilupp.

17.3.2 Is-Sindku tkellem fuq ix-xogħlijiet ta' *re-surfacing* li qed isiru fi Triq Sir Ugo Mifsud. Huwa qal li x-xogħol issa miexi sewwa. L-ewwel fażi tat-triq lesta kemm bit-tibdil tal-kanen tal-ilma u anke bir-*re-surfacing* mill-*Housing Estate* sal-kantuniera ta' Triq Giovanni Barbara. Il-kuntrattur wasal fit-tieni fażi tat-triq u issa qed ibiddel il-kanen tal-ilma fejn hemm *Apap store* u ħa jibqa tielgħa l-fuq lejn l-istatwa ta' San Pawl.

17.3.3 B'relazzjoni ma' punt 17.3.2 tal-minuti, is-Sur Dalli qal li l-kunsill irid jieħu deċiżjoni jekk mhux ser jikteb lil IM jew le biex Triq Sir Ugo Mifsud, il-parti mill-Istatwa ta' San Pawl sa fejn il-każin San Pio X, issir ukoll b'wiċċ ġdid, kif kien hemm pjan li jsir. Huwa fil-fehma li din il-parti ssir ukoll mill-ġdid għax wara kollox hija parti mill-kumplament ta' Triq Sir Ugo Mifsud u t-triq għandha tkun kompluta kollha minn tarf sa tarf. Il-Kunsill kollu unanimament qabel u s-sur Cini għamel rimarka żgħira biex meta tkun ser issir din il-parti tat-triq il-kunsill jiftakar biex jgħaddi wire tad-dawl ħalli terġa tibda tixgħel l-istatwa ta' San Pawl.

17.3.4 Is-Sindku nforma lil kunsilliera li l-kunsill irċieva ċekk mill-Awtorita tal-Ippjanar, inkonnessjoni mal-proġett ta' wiċċ ġdid bil-concrete imprint li sar fi parti minn Triq Preziosi Sqaq nru 2. Diment li dan il-propett issa huwa komplut, ix-xogħol li sar ġie approvat mill-Awtorita u għalhekk intbgħat ċekk bil-kumplament tar-rifużjoni tal-fondi.

17.3.5 B'relazzjoni ma' punt 17.3.4 tal-minuti, Is-Sur Dalli qal li l-kunsill rċieva anke konferma bil-miktub mingħand WSC dwar ir-rifużjoni li huma ser jagħtu lil kunsill tax-xogħol li sar fit-tibdil tal-kanen tal-ilma fl-istess parti tal-isqaq.

17.3.6 Is-Sindku ħabbar aħbar oħra tajba fejn qal li, b'permezz tal-għajnuna tad-dipartiment bi ko-finanzjament, il-kunsill ser jakwista €25,384.28 oħra fuq l-ewwel sejħa li huwa ħareġ għall-manutenzzjoni fuq il-ħitan tas-sejjieħ u dan iffisser li l-ammont li jrid joħroġ il-kunsill mill-kont bankarju tiegħu għal dan il-proġett naqas ħafna, u mis-somma oriġinali ta' €28,204.76 (20%) il-kunsill issa ser joħroġ biss €2,820.48. Rigward dan il-kunsill iffirma ftehiem ta' aċċettazzjoni mad-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

17.3.7 Is-Sur Dalli tkellem fuq il-publikazzjoni tal-ewwel fuljett li ħareġ il-kunsill tul din il-leġislatura. Huwa qal li dan il-fuljett intlaqa tajjeb ħafna minn nies u l-*feedback* dwaru kien wieħed ferm pożittiv.

17.3.8 Is-Sindku tkellem fuq l-avveniment ta' Jum Ħal Lija li sar fid-29 ta' Lulju fil-pjazza. Din l-attivita għalkemm kienet waħda sempliċi, ukoll kienet ta' suċċess, fejn kull min kien preżenti apprezza l-ġest li l-kunsill għamel mat-tobba, spiżeriji, pulizija tad-distrett, LESA, Cleansing u entitajiet oħra tax-xogħol siewi li huma taw biex kemm jista jkun

jipprevenu l-marda ta' COVID-19. Dawn in-nies kien ħaqqhom jiġi rikonoxxuti ta' xogħolhom. Hawnhekk is-Sur Dalli rringrazzja lil kull min kien preżenti u kif ukoll liż-żewġ ħaddiema, Frankie u Marco, tal-għajnuna li huma taw fil-preparazzjonijiet tal-armar għal dan l-avveniment. Is-Sindku qal li jekk għas-sena li ġejja xi ħadd mill-kunsilliera għandu xi suġġerimenti ta' kif dan l-avveniment jista jitjieb aktar, jista jikteb lis-Segretarju Eżekuttiv.

17.3.9 Is-Sur Dalli sfortunatament ħabbar li peress li l-każijiet ta' COVID-19 jidhru li reġgħu qed jiżdiedu b'mod mgħaġġel kuljum, l-attivitajiet li kienu ser issiru fosthom; serata f'Għawdex, żjara fit-torri ta' Wigna Court u il-*boat tour*, idealment li jitħasru. Il-Kunsill kollu qabel.

## 17.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera

17.4.1 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera ma kien hemmx.

## 17.5 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tat-Tieni Rapport ta' kull kwart għas-sena 2020

17.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda għall-approvazzjoni tas-sindku u l-kunsilliera, it-tieni rapport ta' kull kwart li jkopri l-perjodu minn Jannar sa Ġunju 2020. Kopja tar-rapport ingħata lil kunsilliera kollha b'imejl. Preżenti għal din il-parti tal-laqgħa kien hemm l-accountant tal-kunsill is-Sur Kevin Incorvaja minn Akkonta Ltd, biex jagħti spjegazzjoni tar-rapport li pprepara huwa stess.

17.5.2 Is-Sindku stieden lis-Sur Incorvaja biex jitkellem dwar ir-rapport u jispjega fil-qasir il-kontenut u l-figuri mniżla fih.

17.5.3 Is-Sur Incorvaja ta spjegazzjoni żgħira fuq ir-rapport billi qal li għall-perjodu minn Jannar sa Ġunju 2020 irriżulta li kien hemm aktar ħruġ ta' flus milli dħul. Minkejja dan is-Sindku rrimarka li wieħed ma jistax jinsa kif għadt hemm xi flus minn terzi li l-kunsill irid jiġbor u appena dawn jinġabru d-differenza bejn it-total ta' infiq u dak tad-dħul għandha tonqos. Fost il-flus li għadt iridu jinġabru nsibu: fondi mingħand Reġjun Ċentru, fondi mingħand wasteserv relatati ma rifużjoni tal-ġbir tal-borża tal-iskart organiku, fondi relatati ma' skema kulturali li bija l-kunsill organizza l-festival taċ-ċitru etċ.

17.5.4 Is-Sur Incorvaja qal kif id-dħul jaf kien daqsxejn baxx ukoll minħabba is-sitwazzjoni tal-*Covid* filwaqt li l-ispejjeż xorta baqgħu jsiru u kontijiet xorta baqgħu jaslu bħal eżempju l-kont tal-kera tal-binja tal-kunsill. L-*accountant* qal kif bħala dħul kien hemm €167,023 li din il-figura tinkorpora fiha €148,609 allokazzjoni mill-Gvern Ċentrali, €3,373 dħul minn Bye-Laws, €751 dħul minn LES u €14,290 dħul ieħor.

17.5.5 Bejn il-perjodu Jannar sa Ġunju saret nefqa totali ta' €191,468 li din in-nefqa tinkorpora fiha €48,839 salarji u pagi, €82,059 servizzi u manutenzjoni, €24,767 amministrazzjoni u €35,803 infiq ieħor. B'hekk il-kunsill għandu deficit ta' €24,445.

17.5.6 Is-Sindku rrimarka li l-FSI għal dan il-perjodu hija ta 117%, li hija tajba ħafna. Is-Sur Dalli qal lis-Sur Incorvaja li r-rapport ippreparat jidher tajjeb, biss huwa jixtieq li jkun hemm xi tranġar minimu ta' figuri u accounting wise dawn il-figuri għandhom jitniżlu taħt nominals oħra biex b'hekk ikun stampa aktar ċara tad-dħul u l-infiq tal-kunsill.

17.5.7 Is-Sindku staqsa lil kunsilliera jekk għandhomx xi mistoqsijiet dwar ir-rapport. Mistoqsijiet ma kienx hemm u dan ir-rapport ġie approvat unanimament fuq proposta tal-Kunsillier Calcedonio Cini li kien issekondat mill-Viċi Sindku Daniel Mallia.

## 17.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapporti

17.6.1.1 <u>Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tar-rapport finali tal-evalwazzjoni tal-kwotazzjoni għas-sistema ta' rrigazzjoni fil-ġnien Ċentru Rikreattiv</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda għall-approvazzjoni tal-kunsill, rapport ta' evalwazzjoni tal-kwotazzjoni tas-sistema ta' irrigazzjoni fil-Ġnien Ċentru Rikreattiv. Kopja tar-rapport intbgħat lil kunsilliera qabel il-laqgħa. Hija spjegat li fir-rapport hemm imniżżel li kien hemm offerta waħda b'kollox mingħand: Gardenia ltd; li mill-membri tal-bord tal-evalwazzjoni hija meqjusa *administratively*, *technically u financially complaint*. Infatti l-Bord tal-evalwazzjoni qed jirrakomanda li din it-tender tiġi mgħottija lil Gardenia LTd.

17.6.1.2 Minkejja dan, is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni dwar l-offerta finanzjali ta' Gardenia LTd, fejn qalet li l-offerta hija aktar ogħla mill-baġit li għandu l-kunsill. Għalhekk hija staqsiet lil Kunsill jekk iridx jipproċedi xorta biex

japprova dan ir-rapport jew inkella jridx li jwaqqa dan ir-rapport, biex jekk filkas hija tinforma lil evalwaturi. Is-Sinjorina Borg spjegat kif, jekk dan ir-rapport ma jiġix approvat, l-proċedura li jmiss hija li jerġa jsir kuntatt mal-evalwaturi biex jagħmlu re-evalwazzjoni ta' din l-offerta pero din id-darba ma jqisux l-offerta financially complaint, peress li l-offerta hija ogħla mill-baġit tal-kunsill. Appena jsir dan, mill-ġdid trid terġa wkoll tinħareġ is-sejħa għall-offerti.

17.6.1.3 Il-Kunsill unanimament ma approvax dan ir-rapport. Għandha terġa ssir re-evalwazzjoni tal-offerta fejn din l-offerta ssa ma tiġix approvatha mill-evalwaturi fuq deċiżjoni li ħa l-kunsill, bir-raġuni li l-offerta hija aktar ogħla mill-baġit allokat tal-kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv għandha ukoll terġa toħroġ din is-sejħa għall-offerti malajr kemm jista jkun.

17.6.2.1 <u>Ħruġ ta' kwotazzjoni għas-servizz ta' avukat u parir legali (taħt Direct Order)</u>

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda tal-kunsill kwotazzjoni għas-servizz ta' avukat li hija ppreparat biex il-kunsill ikun jista jingħata parir legali professjonali meta jkollu bżonn. Kopja ta' din il-kwotazzjoni ngħatat lil kunsilliera qabel il-laqgħa. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kurrenti l-kunsill għandu tender għal dan is-servizz li pero ser jiskadi fl-10 ta' Ottubru, 2020. Hija żiedet tgħid kif il-kunsill ma jagħmilx użu minn dan is-servizz b'mod regolari bħal kuntratti oħra. Għalhekk qed jiġi ssuġġeriet li tinħareġ din il-kwotazzjoni u tintbgħat lil tlett kumpaniji legali differenti biex jekk interessati jinfurmaw lil kunsill bir-rati u l-offeri tagħhom għas-servizzi legali mitluba. Naturalment tiġi umbgħad magħżulha l-irħas offerta.

17.6.2.2 Il-Kunsill unanimament qabel li għandu jsir hekk.

## 17.7 Korrispondenza

17.7.1 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia staqsiet fuq korrispondenza nru 0459/20. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet li dik hija korrispondenza bejn il-kunsill u TM fuq talba mingħand persuna biex fi Triq Pawlu Galea jkun hemm *keep clear* biex isservi ta' sigurta bħal *assembly point* f'każ ta' nirien.

17.7.2 Il-Kunsillier Cini xtaq jikkonferma x'inhi korrispondenza nru 0480/20 – '*Quotation for zebra crossing – T.Avenue*, Ħal Lija'. Is-Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku nfurmawh kif il-kunsill qiegħed fil-proċess li jikseb kwotazzjoni mingħand il-kuntrattur tat-tabelli u sinjali biex tiġi mplementatha *zebra cossing* fi Vjal it-Trasfigurazzjoni kif kien ġie deċiż f'seduta oħra preċedenti.

17.7.3 Il-Viċi Sindku Daniel Mallia għamel mistoqsija dwar korrispondenza nru 0488/20. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmatu kif TM laqgħat it-talba tal-kunsill biex isiru *1m double yellow lines* mal-ġnub tal-garaxxijiet kollha li hemm fit-toroq Massimiliano Debono u Ġużeppi Portelli. Infatti s-Sur Dalli qal kif huwa fil-jiem li ġejjien sejjer fuq il-post mal-ħaddiema biex dawn id-double yellow lines jiġi mplementati.

## 17.8 *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill u lmenti

17.8.1.1 <u>Skema Finanzjarja 2/2020 – Rimbors ta' spejjeż għas-servizz ta' perit għal proġett 'Slow streets'</u>

Is-Segretarju Eżekuttiv għaddiet informazzjoni lil kunsilliera dwar kif ir-Reġjun Ċentru ħareġ skema finanzjarja 2/2020, dan sabiex kunsilli lokali li jaqaw fi ħdanu jiġu rrifonduti lura l-ispejjeż li jkunu użaw għas-servizz ta' perit b'konnessjoni mal-proġett 'Slow streets'. Kull kunsill ser jibbenifika minn fond massimu ta' €3,000.

17.8.1.2 Is-Sindku qal li huwa attenda għal *launching* tal-AKL tal-proġett '*slow streets*'. Hawnhekk huwa fakkar ukoll li l-kunsill diġa għandu lil Pros. Maria Attard tgħin b'dan il-proġett fejn hija diġa tat il-ħsibijiet tagħha ta' x'jista jsir biex jitnaqsu l-karozzi mir-raħal u dan kien ferm qabel il-*launching* tal-AKL. Is-Sur Dalli qal li l-Kunsill xorta ser jiltaqa mal-perit imqabbad mill-AKL biex jiddiskuti dan il-proġett aktar fid-dettal, pero jkun ġust ukoll li l-kunsill jibqa jikkonsulta u jagħmel użu mis-servizzi professjonali tal-Professura Maria Attard.

17.8.2.1 <u>Skema Finanzjarja 4/2020 – għal proġett Wikipedia</u>

Is-Segretarju Eżekuttiv għaddiet informazzjoni lil kunsilliera dwar laqgħa li żamm ir-Reġjun Ċentru fl-17 ta' Ġunju, fejn il-membri preżenti qablu b'mod unanimu sabiex isir proġett permezz ta' 'Content Curate', dan sabiex l-informazzjoni li tinsab onlajn fuq il-wikipedia tiġi aġġornata u tkun waħda koretta. L-ispiża globali ta' dan il-proġett imbassra mir-Reġjun Ċentru ser tkun ta' €5,000 u għalhekk ser tkun qed tinħareġ invoice lil kull kunsill lokali fi ħdan ir-Reġjun ta' €384.62. Finalment l-ispiża ta' €384.62 ser tingħata rifużjoni tagħha mir-Reġjun.

17.8.2.2 Is-Segretarju Eżekuttiv kompliet tinforma lil kunsilliera kif fil-ġranet li ġejjien il-kunsill ser ikun qed jagħmel kuntatt mas-Sa. Angelique Balzan (il-persuna nkarigatha minn dan il-proġett) biex ssir laqgħa ta' introduzzjoni dwar kif jista jibda jitwettaq dan il-proġett.

17.8.3.1 Skema Finanzjarja 5/2020 – għal xiri jew kiri ta' Tiżjin tal-Milied 2020
Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda tal-kunsill skema finanzjarja oħra maħruġa mir-Reġjun Ċentru, skema 5/2020 biex jirrifondi lura sa massimu ta' €3,000 lil kull kunsill lokali li jaqa fi ħdanu fuq spejjeż ta' xiri jew kiri ta' dawl u tiżjin għal żmien il-Milied 2020.

17.8.3.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet ukoll li l-kunsill għandu ċans japplika għal dawn il-fondi sa mhux aktar tard mit-30 ta' Settembru 2020 billi jibgħat bil-miktub lir-Reġjun, deskrizzjoni dettaljata dwar x'ser ikun qed jinxtara jew jinkera għal żmien il-Milied. Għalhekk hija talbet lil kunsill biex jieħu deċiżjoni dwar kif huwa jixtieq jutilizza dan il-fond.

17.8.3.3 Is-Sindku qal lil kunsilliera biex jibgħatu l-kummenti u s-suġġerimenti tagħhom bil-miktub lis-segretarju eżekuttiv sal-laqgħa li jmiss, biex dakinhar issir diskussjoni u jkun hemm għażla finali. Is-Sur Dalli ser iħejji pjan huwa stess ta' x'jista jsir.

17.8.4.1 Skema Finanzjarja 6/2020 – għal Avvenimenti Soċjo Kulturali
Is-Segretarju Eżekuttiv għarfet lil kunsilliera b'skema 6/2020 maħruġa mir-Reġjun Ċentru li titratta fuq rifużjoni għal spejjeż relatati ma' avvenimenti organiżżati mill-Kunsill Lokali li huma soċjo kulturali. Kull kunsill lokali fi ħdan ir-Reġjun Ċentru ser ikun intitolat fond massimu sa €10,000. L-avvenimenti għandhom jinżammu bejn l- 1 ta' Awwissu 2020 u mhux aktar tard mill-31 ta' Awwissu 2021.

17.8.4.2 Is-Sinjorina Borg qalet li biex il-kunsill jibbenifika minn dan il-fond l-ewwel għandi tiġi sottomessa talba għall-approvazzjoni tal-membri tar-Reġjun u l-kunsill għandu jissottometti t-talba tiegħu sat- 30 ta' Novembru 2020. Għalhekk hija talbet lil kunsill biex jieħu deċiżjoni dwar kif huwa jixtieq jutilizza dan il-fond.

17.8.4.3 Is-Sindku qal lil kunsilliera biex jibgħatu l-kummenti u s-suġġerimenti tagħhom bil-miktub lis-segretarju eżekuttiv sal-laqgħa li jmiss, biex dakinhar issir diskussjoni u jkun hemm għażla finali. Is-Sur Dalli ser iħejji pjan huwa stess ta' x'jista jsir.

17.8.5.1 Avviż mibgħut minn Greenpak dwar il-ġbir tal-ħġieġ
Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda avviż li rċieva l-kunsill mingħand Greenpak dwar xi tibdil li huwa mitlub isir fil-mod ta' kif jinġabar il-ġbir tal-ħġieġ, b'effett immedjat mill-1 ta' Settembru 2020. Is-Segretarju Eżekuttiv qrat dan l-avviż. Mill-1 ta' Settembru 2020 residenti ma jistgħux jibqgħu joħorġu il-ħġieġ li jkollom fi kaxxi jew basktijiet tal-karti. Ser ikunu qed isiru restrizzjonijiet fuq hekk u daqshekk ser jitħallew trakkijiet tal-iskart jidħlu jarmu ħġieġ li jkunu ġo kaxxi jew basktijiet tal-karti. Din ir-restrizzjoni qed issir minħabba kontaminazzjoni u taħlit tal-iskart.

17.8.5.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li hija ċemplet lil Greenpak minnufih appena qrat dan l-avviż, għaliex filwaqt li hija konvinta li l-kunsill huwa favur is-separazzjoni tal-iskart, hija ma taħsibx li din għandha tkun il-*way forward*. Il-Kumpanija Greenpak qalet kif din ir-restrizzjoni hija xi ħaġa mposta minn Wasteserv u Greenpak m'għandix x'taqsam anzi qed tiprova tikkonvinċi lil Wasteserv biex tinsab soluzzjoni oħra ta' kif wieħed jista jiddispondi mill-ħġieġ u fl-istess ħin ma ssirx kontaminazzjoni. Greenpak bgħatet l-avviż hija għaliex ħasset l-obbligu li tinforma lil kunsill b'dan it-tibdil.

17.8.5.3 Għalhekk is-Segretarju Eżekuttiv żiedet tgħid li hija ċemplet ukoll lil Wasteserv biex flimkiem ma' Greenpak tagħmel pressjoni hija ukoll kontra dan l-avviż. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat lil rappreżentanta minn wasteserv li jekk issir kif indikat fl-avviż, ser jinħolqu ħafna problemi fosthom; volum kbir ta' flixken tal-ħġieġ jiġru madwar ir-raħal li jkerħu l-ambjent u jafu jkunu ta' periklu ukoll, diffikulta biex jinħarġu l-flixkien tal-ħġieġ mir-residenti wieħed wieħed, diffikulta biex jinġabru l-flixken tal-ħġieġ wieħed wieħed mill-kuntrattur etc.

17.8.5.4 Minkejja dawn il-punti kollha validi, Wastserv xorta qed tibqa tinsisti biex il-kunsill javża lir-residenti tiegħu li mill-1 ta' Settemrbu m'għandhomx jibqgħu joħorġu l-ħġieġ li jkollhom fi kaxxi jew basktijiet tal-karti. Wastserv qalet li l-ħġieġ għandu jibda jinħareġ f'wieħed mill-ħames kontenituri li huma provdew b'xejn lil kull dar.

17.8.5.5 Is-Segretarju Eżekuttiv xtaqet tisma l-opinjonijiet tas-sindku u l-kunsilliera dwar dan l-avviż u staqsiethom jieħdu deċiżjoni dwar kif jixtiequ jiproċedu. Wara li saret diskussjoni żgħira rriżulta li l-kunsill m'għandhux alternattivita oħra ħlief jaċċetta dan l-avviż mibgħut minn Greenpak u jinforma lir-residenti bil-kontenut tiegħu ħalli huma wkoll jkunu konformi miegħu. Ġie deċiż li jitella avviż fuq il-paġna ta' FB u fuq in-notice bords.

17.8.6.1 <u>Sezzjonijiet onlajn b'xejn minn Central Bank dwar il-Euro</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv għarfet lil kunsilliera kif rappreżentanta minn Central Bank avviċinat lil kunsill biex tara jekk hemmx interess li jsiru sezzjonijiet onlajn lir-residenti tar-raħal dwar il-Euro. Idealment dawn is-sezzjonijiet isiru fl-ewwel ġimgħa ta' Ottubru.

17.8.6.2 Is-Segretarju Eżekuttiv staqsiet lis-Sindku u l-kunsilliera jekk jixtiequx li ssir sezzjoni onlajn ta' tagħlim dwar dan ħalli jekk filkas isir avviż żgħir fuq il-paġna ta' FB u n-notice boards, biex residenti nteressati japplikaw u jirreġistraw billi jagħtu d-dettalji tagħhom inkluż l-imejl biex b'hekk tintbgħat link lilhom ħalli jkunu jistgħu jagħmlu parti mis-sezzjoni.

17.8.6.3 Il-Kunsill unanimament approva li ssir sezzjoni u jitella avviż żgħir fuq il-paġna ta' FB għall-attenzjoni ta' dawk ir-residenti li humwa interessati.

17.8.7.1 <u>Ismijiet ġodda tat-toroq fi Triq Dun Ġużepp Tanti u Triq Daniel Sammut</u>
Is-Sindku ġibed l-attenzjoni li hemm bżonn jiġu ordnati żewġ plakek tal-ismijiet tat-toroq ġodda, waħda fi Triq Dun Ġużepp Tanti u oħra fi Triq Daniel Sammut, għax dawk eżistenti nkissru.

17.8.7.2 Il-Kunsill unanimament approva dan.

17.8.8.1 <u>Problema ta' lma fi Triq Dun Ġużepp Tanti quddiem dar no 44 Therese</u>
Is-Sindku tkellem dwar problema li hemm fi Triq Dun Ġużepp Tanti fejn qed jinġema ħafna ilma quddiem dar no 44 meta tagħmel xita qawwija.

17.8.8.2 Is-Sur Dalli qal li hemm toqba kbira fl-akwata mimlija b'ħafna ħaxix u ħmieġ li hemm bżonn titnaddaf. Hu qed jissuġġerrixi li jagħmel kuntatt mas-sid tal-għalqa biex din titnaddaf u wara li jsir dan il-kunsill jitlob lil perit jmur fuq il-post biex jagħti parir ta' x'jista jsir ħalli din il-problema tissolva darba għal dejjem. Il-Kunsill qabel.

17.8.9.1 <u>*Minor Patching* fi Triq il-Mitħna quddiem dar numru 52</u>
Is-Sindku ġibed l-attenzjoni dwar l-istat diżastrus ta' parti minn Triq il-Mitħna quddiem dar 52. Huwa qal li t-triq hija waħda ferm imħarbta u riċentament persuna kellha nkonvenjent fiha. Issa li l-kunsill għandu kuntrattur tal-patching huwa tal-idea li tinġieb stima biex isir *patching* ħafif temporanju, dan minkejja li it-toroq issa qed isiru mill-Gvern.

17.8.9.2 Il-Kunsill unanimament approva dan u għandha tinġieb stima għal minor patching. Is-Sinjorina Lorraine Farrugia qalet li hija kienet diġa talbet biex isir *patching* f'din l-akwata u l-kunsill kien infatti kiteb lil IM biex din it-triq tingħata wiċċ ġdid u tiżdied mal-lista tat-toroq li qed tagħmel IM bir-*resurfacing* ġdid. Hija tat suġġeriment ukoll biex il-parti quddiem dar 52 issir bil-konkos pero s-Sindku qal li ma jaqbilx li jsir hekk.

17.8.9.3 Hawnhekk is-Sinjorina Lorraine Farrugia rrimarkat ukoll li hija fil-kunsill preċedenti talbet biex f'din l-istess akwata (Triq il-Mitħna kantuniera mat-Triq ta' Ħalmann) jkun hemm ukoll devoluzzjoni fejn il-Gvern jieħu parti mill-għalqa tal-kantuniera biex titwessa aktar it-triq. Infatti din it-talba kienet intbgħatet bil-miktub lil IM. Is-Sur Dalli qal li ser jieħu ħsieb jara x'korrispondenza kienet intbgħatet lil IM fiż-żmien il-kunsill preċedenti u jara jekk mhux possibbli jsir xi ħaġa.

## 17.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti w spejjes oħra

17.9.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' pagamenti numru 09/20 li kienet tinkludi l-ammonti tal-*petty cash* ta' €137.48 għax-xahar ta' Lulju.

17.9.2 L-iskeda ta' ħlasijiet kollha kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Minority Leader Lorraine Farrugia li kienet ssekondata mill-Viċi Sindku Daniel Mallia. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet kollha. Is-Segretarju Eżekuttiv fakret li peress li l-fergħa tal-HSBC ta' Ħal Balzan għadha magħluqha minħabba s-sitwazzjoni ta' COVID-19, ċ-ċekk tal-*petty cash* ser joħroġ fuq isem is-sindku biex b'hekk isarfu personali f'ismu u umbagħad jagħti l-ammont tal-flus kontanti lis-Segretarju Eżekuttiv lura.

## 17.10 Applikazzjonijiet tal-Awtorita tal-Ippjanar

17.10.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil kunsilliera kif applikazzjonijiet riċenti alarmanti ma kien hemm xejn ġdid. Hija infurmat biss lil kunsilliera, li kif qal tajjeb is-Sindku fil-bidu tal-laqgħa, PC 00041/19 fi Triq Ġ.Barbara ġiet rrifjutatha

waqt bord tal-evalwazzjoni onlajn li nżamm fl-4 ta' Awwissu li għalih kien hemm preżenti s-Sindku, it-town planner tal-kunsill u kif ukoll xi residenti.

## 17.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

17.11.1 Qabel ma ntemmet il-laqgħa s-sindku staqsa lil kunsilliera jekk jixtiequx iżiedu xi ħaġa oħra.

17.11.2 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia qalet kif xi ħadd fir-raħal qed iweħħel ħafna stickers bi riklami fuq diversi tabelli fir-raħal. Hija qed titlob biex il-ħaddiema jduru dawra mar-raħal u kull fejn jaraw sticker hekk ineħħuha għax vera mhux preżentabli. Is-Segretarju Eżekuttiv ser tieħu ħsieb dan.

17.11.3 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia qalet ukoll kif fi Triq il-Mitħna faċċata ta' Triq Depiro Gourgion hemm xi water leakage għax fin-nofs tat-triq dejjem qed ikun hemm l-ilma. Hija talbet biex isir rapport lil WSC. Is-Segretarju Eżekuttiv ser tieħu ħsieb li jsir dan ir-rapport.

17.11.4 Il-Kunsillier Donio Cini qal li l-kaxxi tal-GO li huwa kien irrapporta fi Triq Fernand Gregh u Triq id-Dejqa għadhom l-istess u baqaw ma tranġawhx. Huwa talab biex isir reminder lil GO Plc u s-Segretarju Eżekuttiv ħadet nota dwar dan.

17.11.5 Il-Kunsillier Donio Cini għamel rimarka żgħira fuq il-kwistjoni u problema tal-ħamiem, fejn qal li l-kunsill għadu qed jikko-ordina mal-persuna indikata mill-AKL biex isir meeting fuq il-post ħalli din il-persuna tkun tista tgħin lil kunsill jelimna il-problema u ħmieġ tal-ħamiem darba għal dejjem. Is-Sindku s-Sur Dalli, kkonferma dan.

17.11.6 Il-laqgħa ntemmet fil-5:00pm.

17.11.7 Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar l-Erbgħa 9 ta' Settembru 2020 u kien hemm qbil b'mod unanimu biex il-laqgħa issir fl-4:00pm fil-binja uffiċjali tal-kunsill lokali.

Konfermati, illum l-Erbgħa 9 ta' Settembru 2020.

IFFIRMAT
Anthony Dalli
Sindku

IFFIRMATA
Pamela Borg
Segretarju Eżekuttiv